DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

7 ta' Ottubru 2013*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika agrikola komuni — Azzjonijiet konġunti — Nuqqas ta' ħlas ta' għajnuna finanzjarja mill-Kummissjoni — Revoka minn Stat Membru tal-kontribuzzjoni tiegħu — Domanda ta' fatt — Sitwazzjoni interna — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Deskrizzjoni tal-kuntest fattwali — Insuffiċjenza — Domanda ipotetika — Inammissibbiltà manifesta"

Fil-Kawża C-82/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Frar 2013, fil-proċedura

**Società cooperativa Madonna dei miracoli**

vs

**Regione Abruzzo,**

**Ministero delle Politiche Agricole e Forestali,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn M. Berger (Relatur), President tal-Awla, E. Levits u J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' permezz ta' digriet motivat, skont l-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

## Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-aġir tal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-allegata revoka tal-għoti, mill-Kummissjoni ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja mit-Taqsima Gwida tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), għall-fondi relattivi għas-sena 1992.

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn is-Società cooperativa Madonna dei miracoli à la Regione Abruzzo (reġjun ta' Abruzzo) u l-Ministero delle Politiche Agricole e Forestali (Ministeru tal-Agrikoltura u tal-Foresti) dwar ir-revoka tal-għajnuna reġjonali li kienet ingħatat mill-Gvern Taljan lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għal proġett ta' investiment li jaqa' taħt il-programm operattiv tar-Regione Abruzzo.

**Il-kuntest ġuridiku**

3 L-Artikolu 42(a) tal-Liġi Reġjonali Nru 31, tat-3 ta' Ġunju 1982, dwar il-Liġi Qafas għall-iżvilupp tal-agrikoltura fir-reġjun ta' Abruzzo 1982-1985 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Reġjonali Nru 31/1982"), jipprovdi:

"Ir-reġjun għandu jippromwovi l-akkwist, il-ħolqien, l-estensjoni u l-modernizzazzjoni ta' installazzjonijiet għall-ipproċessar tal-prodotti agrikoli jew zootekniċi u ta' installazzjonijiet ta' produzzjoni integrata, inkluż it-tagħmir, permezz tal-miżuri li ġejjin:

a) proġetti li jikkwalifikaw għall-finanzjament mill-FAEGG (Regolament Nru 355/77): għajnuna f'kapital ta' 25 % tal-ispiża eliġibbli.

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

4 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li s-Società cooperativa Madonna dei Miracoli, li hija impriża li topera fis-settur tal-inbid, ingħatat għajnuna reġjonali fl-ammont ta' ITL 438 750 000 (EUR 226 595.46, jiġifieri 25 % tal-ispiża globalment eliġibbli), għal proġett ta' investiment għall-modernizzazzjoni tal-proċess teknoloġiku ta' produzzjoni tal-inbid, li jaqa' taħt il-programm operattiv tar-Regione Abruzzo, għall-fondi relattivi għas-sena 1992, approvat mill-Kummissjoni.

5 L-investiment jaqa' taħt it-Taqsima Gwida tal-FAEGG, rigward il-finanzjament tal-politika agrikola komuni, bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. F'dan il-każ, 50 % tal-ispiża globali eliġibbli għall-finanzjament kellha tkun iffinanzjata mill-Kummissjoni u 25 % tagħha mill-Istat Membru kkonċernat, permezz tal-għoti, abbażi tal-Artikolu 42(a) tal-Liġi Reġjonali Nru 31/1982, tal-għajnuna reġjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li n-natura tagħha, skont il-Consiglio di Stato, hija anċillari u supplimentari għall-għajnuna Komunitarja.

6 Matul il-proċedura għal-likwidazzjoni tal-għajnuna mogħtija, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet, li l-eżitu tagħhom wassalha sabiex tikkunsidra li l-użu tat-teknoloġija ffinanzjata ma kienx jikkorrispondi għall-kriterji ta' għażla għall-proġetti eliġibbli għall-għajnuna skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti. Għaldaqstant, din l-istituzzjoni ma wettqitx il-ħlas tal-għajnuna.

7 B'digriet tad-19 ta' Lulju 2000 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), ir-Regione Abruzzo adottat deċiżjoni ta' revoka tal-għajnuna reġjonali relattiva għal dan il-proġett, għar-raġuni li din l-għajnuna kienet anċillari għall-għajnuna Komunitarja.

8 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat rikors, quddiem it-Tribunale amministrativo regionale dell'Abruzzo, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Billi dan ir-rikors ġie miċħud, hija appellat quddiem il-qorti tar-rinviju. Hija ssostni essenzjalment li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li l-għajnuna Komunitarja kienet ġiet revokata u li, għaldaqstant, kellha wkoll tiġi revokata l-għajnuna reġjonali.

9 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-eżitu tal-kawża prinċipali jiddependi essenzjalment mill-interpretazzjoni tal-aġir tal-organi tal-Unjoni Ewropea, li n-nuqqas ta' azzjoni tagħhom, fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-għajnuna mogħtija preċedentement lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ġie kkwalifikat mir-Regione Abruzzo u mill-qorti nazzjonali tal-ewwel istanza bħala "revoka impliċita tal-għajnuna", liema interpretazzjoni hija kkontestata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

10 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Huwa minnu li l-Kummissjoni [...] rtirat [rrevokat] l-għoti ta' għajnuna Komunitarja, u liema att ġie għalhekk adottat?

2) Sussidjarjament:

a) x'valur legali għandu jingħata lin-nuqqas ta' azzjoni mill-Kummissjoni, li minħabba fiha wasslet biex ma ngħatatx l-għajnuna Komunitarja;

b) in-nuqqas ta' azzjoni mill-Kummissjoni [...], li ma pproċedietx bil-likwidazzjoni tal-għajnuna Komunitarja, tipprekludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 42(a) tal-Liġi Reġjonali Nru 31/82 [...], li abbażi tagħha r-rikorrenti [fil-kawża prinċipali] ngħatat l-għajnuna reġjonali anċillari għall-għajnuna Komunitarja, u, għalhekk, tipprekludi l-għoti tal-għajnuna reġjonali?

3) Fi kwalunkwe każ, liema huma l-obbligi imposti fuq l-Istat Membru Taljan, fil-każ ta' nuqqas ta' azzjoni persistenti mill-Kummissjoni [...]?"

**Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari**

11 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 267 TFUE, li huwa bbażat fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar għandha biss is-setgħa li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni jew il-validità ta' test tal-Unjoni, billi tibbaża ruħha fuq il-fatti li jiġu indikati lilha mill-qorti nazzjonali (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Stadt Papenburg, C-226/08, Ġabra p. I-131, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, hija esklużivament il-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et*, C-416/10, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja iżda l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi domanda ta' fatt (sentenza tat-22 ta' Marzu 1972, Merluzzi, 80/71, Ġabra p. 175, punt 10).

12 It-tieni nett, għandu jiġi osservat li, skont ġurisprudenza stabbilita, domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali hija inammissibbli meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi magħmula lilha (ara s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009, Audiolux *et*, C-101/08, Ġabra p. I-9823, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja teċċedi l-limiti tal-funzjoni tagħha li kieku kellha tiddeċiedi li tippronunzja ruħha fuq problema ta' natura ipotetika, mingħajr ma jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa (sentenza tas-16 ta' Lulju 1992, Meilicke, C-83/91, Ġabra p. I-4871, punti 32 u 33).

13 F'dan il-każ, fir-rigward tal-ewwel domanda magħmula fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tiġi mistiedna tippronunzja ruħha dwar il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni rrevokatx l-għoti ta' għajnuna tal-Unjoni, u, fil-każ ta' risposta affermattiva, tispeċifika l-atti adottati għal dan l-iskop. Madankollu, huwa evidenti li dawn il-mistoqsijiet jikkostitwixxu domandi ta' fatt u għalhekk ma jistgħux jiġu evalwati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 267 TFUE.

14 Permezz tal-parti a) tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina x'valur legali għandu jingħata lil tali nuqqas ta' azzjoni mill-Kummissjoni. Issa din il-kwalifikazzjoni legali tippresupponi li, qabel ma tkun tista' ssir, tingħata interpretazzjoni fattwali tal-aġir ta' din l-istituzzjoni matul perijodu ta' kważi għoxrin sena. Kif tfakkar fil-punt preċedenti, tali interpretazzjoni madankollu ma tistax issir mill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, billi l-allegat nuqqas ta' azzjoni mill-Kummissjoni ma jistax jiġi kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' din il-proċedura, il-punt dwar x'valur legali għandu jingħata lill-imsemmi nuqqas ta' azzjoni jirriżulta li huwa purament ipotetiku. Minbarra dan, il-qorti tar-rinviju ma pprovdietx lill-Qorti tal-Ġustizzja bil-provi meħtieġa sabiex din tal-aħħar tkun tista' tiddeċiedi d-domanda magħmula b'mod utli.

15 Fir-rigward tal-parti b) tat-tieni domanda, li permezz tagħha l-qorti tar-rinviju tfittex li ssir taf jekk allegat nuqqas ta' azzjoni mill-Kummissjoni bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jipprekludix l-applikazzjoni tal-Artikolu 42(a) tal-Liġi Reġjonali Nru 31/1982, għandu jiġi kkonstatat li din id-domanda tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, f'dan il-każ id-dritt tar-reġjun ta' Abruzzo. Madankollu, kif ġie enfasizzat fil-punt 11 ta' dan id-digriet, huma esklużivament il-qrati nazzjonali li għandhom jagħmlu tali interpretazzjoni, u għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja hija manifestament nieqsa mill-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi f'dan ir-rigward.

16 Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tielet domanda, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tispeċifika l-obbligi imposti fuq l-Istat Taljan fil-każ ta' nuqqas ta' azzjoni persistenti mill-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li din id-domanda hija ta' natura purament ipotetika, għall-istess raġunijiet li jissemmew fil-punt 14 ta' dan id-digriet. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludix il-punti ta' fatt u ta' liġi li huma meħtieġa sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun f'pożizzjoni li tirrispondi b'mod utli għal din id-domanda.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat, abbażi tal-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, li l-Qorti tal-Ġustizzja hija manifestament nieqsa mill-ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Consiglio di Stato u li, barra minn hekk, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija manifestament inammissibbli.

**Fuq l-ispejjeż**

18 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tordna:

1) **Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija manifestament nieqsa mill-ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Consiglio di Stato (l-Italja).**

2) **Barra minn hekk, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija manifestament inammissibbli.**

Firem